MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 771/2007/1

**Alan Debattista**

**v.**

**Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita’**

**u l-Komunikazzjoni), Stephen Antoine Buhagiar, Mario Casa, Renald Attard, Christopher Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li r-rikorrent ipprezenta fit-18 ta' Lulju, 2007, u li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrent huwa d-detentur ta' permess bin-numru 01/1904 sabiex jezercita' n-negozju ta' 'Market Hawker' ossija 'fixed hawker' permezz ta' karozza bin-numru ta' registrazzjoni No. IAA 824 Dogbe fis-sit fi Triq il-Merkanti, kantuniera ma' Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, u dan in linea mal-permess precedenti bin-numru P/B/79/90 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-permess hawn anness u mmarkat bhala Dok. JMS 1.

"2. Illi dan il-permess gie koncess lil attur esponent u gie debitament imhallas nhar is-26 ta' Jannar 2007.

"3. Illi tul daw l-ahhar tlett (3) xhur, u cioe' bejn is-26.01.07 sa ….05.07 l-esponent dejjem rama ghax-xoghol bil-vettura IAA 824 Drogbe fil-post indikat fil-permess 01/1904.

"4. Illi f'dawn l-ahhar granet, permezz ta' ittra datata 30 ta' Mejju 2007 l-esponent attur gie nfurmat illi l-permess 01/1904 gie annullat fuq il-premessa illi dan qatt ma messu hareg u gie mitlub jaccedi fl-ufficcju ndikat sabiex tigi regolata s-sitwazzjoni u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-dokument hawn annessa u mmarkata Dok. JMS2.

"5. Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni unilaterali u llegali da parti tad-Direttur (Servizzi tal-Kummerc) u fil-waqt li wassal il-protesta tieghu b'mod verbali, wera l-istess opposizzjoni permezz ta' ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju 2007, li kopja taghha qieghda hawn tigi annessa u mmarkata bhala Dok. JMS3.

"6. Illi d-decizjoni moghtija u cioe' li l-permess ma messu qatt inhareg ma hiex wahda fondata, stante illi t-talba ghall-hrug tal-permess 01/1904 hadet il-kors naturali taghha kollu, u wara l-hrug ta' l-istess permess, l-esponent dam aktar minn tlett (3) xhur jopera taht il-kundizzjonijiet u fil-post indikat fil-permess 01/1904 u r-ripensament tad-Dipartiment intimat inqalghat biss wara li sar spustament tal-Monti tal-Belt u l-post allokat lir-rikorrent kien mehtieg sabiex jakkomoda terzi.

"7. Illi meta l-bejjiegha tal-Monti regghu gew moghtija l-avviz illi huma setghu jergghu jibdew jarmaw fi Triq il-Merkanti stante illi x-xoghlijiet kienu tlestew u r-rikorrent mar biex jarma fil-post lilu koncess permezz tal-permess 01/1904, huwa sab illi fuq dan il-post kienu gew allokati erba' (4) permessi bil-konsegwenza illi r-rikorrent spicca minghajr spazju fejn hu seta' jarma u ta' pregudizzju ghalih, huwa gie emarginat ingustament u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

"8. Illi in oltre l-art indikata fil-permess 01/1904 illi fuqha l-esponent gie ndikat lilu fejn ghandu jarma t-truck ma baqghetx ta' livell wiehed izda giet reza f'rampa b'mod li huwa difficli ghal esponent illi huwa jkun jista' jarma t-truck kif dejjem kien jaghmel.

"9. Illi din id-decizjoni ser tirreka dannu lir-rikorrent u dan peress illi r-rikorrent investa bis-shih fin-negozju koncess lilu permezz tal-permess lilu koncess u di piu' ser jispicca minghajr impjieg, stante illi l-permess, jekk jigi annullat, jikkostitwixxi l-unika sors ta' mpjieg u dhul ghar-rikorrent.

"10. Illi di piu', l-mod kif gie deciz u ddikjarat illi l-permess 01/1904 huwa null, kienet wahda arbitrarja, llegali u mhux kontemplata mal-ligi.

"11. Illi d-Direttorat intimat naqas milli josserva l-principju tal-Gustizzja naturali (Artikolu 469A (b) (ii) u dana billi fl-ebda hin ma sema jew ikkonsidra l-pozizzjoni tar-rikorrent.

"12. Illi l-ghemil tad-Direttorat intimat jikkostitwixxi obbligu tas-setgha moghtija mill-Ligi (Artikolu 469A(b)(iii) stante li d-decizjoni li ttiehdet kienet

wahda li saret ghal ghanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

“13. Illi dawn in-nuqqasijiet ilkoll huma kontra l-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 469A (b) (iv).

“14. Illi r-rikorrent minhabba l-agir ta’ l-Awtorita’ ntimata sofra u ser ikompli jsofri danni u dan ghal ragunijiet ga’ esposti.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

“1. Tikkonferma d-decizjoni moghtija n segwitu ghat-talba ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 978/07 FS fl-ismijiet ‘Alan Debattista (KI 302282M) vs Stephen Antoine Buhagiar et’ deciz nhar is-16 ta’ Lulju 2007;

“2. Prevja kull dikjarazzjoni li thoss li hija necessarja u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi (a) l-ghemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikolu 469 (1) (a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u (b) *dato che* l-intimati l-ohra kienu u huma ghal kurrent tal-fatt illi r-rikorrent kien legittimament inhariglu permess sabiex jarma bit-truck tieghu fi Triq it-Teatru kantuniera ma’ Triq il-Merkanti Valletta, kif aktar il-fuq spjegat, l-ghemil taghhom li rmaw fuq l-istess post jirrendihom komplici fil-ksur tal-jeddijiet u drittijiet tar-rikorrent da parti tad-Dipartiment intimat u jesponiehom ghal hlas ta’ danni flimkien ma’ l-intimat l-iehor id-Direttur (Servizzi ta’ Kummerc);

“3. Tiddikjara illi tali ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett.

“4. Konsegwentement tiddikjara li a kawza ta’ tali ghemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrent sofra danni;

“5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent;

“6. Tordna lid-Dipartiment konvenut flimkien mal-konvenuti l-ohra, jew min minnhom ihallas lir-rikorrent is-somma likwidata ai fini tat-tieni u tal-hames talba;

“7. Tordna lid-Direttur (Servizzi ta’ Kummerc) jiehu dawk il-passi necessarji u opportuni anke bl-operat ta’ perit nominand, sabiex terga’ tigi nvellata l-parti tat-triq fejn huwa licenzjat jarma l-esponent it-truck tieghu ndikat aktar il-fuq u dan taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominand hekk nominat minn din l-Onorabbli Qorti;

“Salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrent skond il-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tad-Direttur intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi l-esponent qieghed iressaq is-segwenti eccezzjonijiet illi qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

“1. Preliminarjament l-esponent jeccepixxi l-inapplikabilta’ ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ghall-kaz odjern stante illi s-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-istess artikolu ma japplikax meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew il-ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari jkun jista’ jinkiseb quddiem xi qorti jew tribunal imwaqqaf taht xi ligi ohra. L-esponent jirreferi ghar-rimedju illi l-attur kellu a dispozizzjoni tieghu quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar il-Licenzjar meta hassu aggravat bid-decizjoni tas-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc u dan a tenur tar-regolament 40 tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc (A.L. 1 ta’ l-2006).

“2. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-permess bin-numru 01/1904 illi nhareg lill-attur fis-26 ta’ Jannar 2007 inhareg bi zball u espressament kontra dak li jiddisponi r-regolament 27(2)(b) tal-Avviz Legali 1/2006 dwar il-Licenzji tal-kummerc u l-attur stess kien ghalhekk jaf jew messu kien jaf illi dak il-permess kien kontra l-ligi u qatt ma seta’ jinhareg lilu u li kien ghalhekk null u minghajr effett.

"3. Illi l-agir tal-esponent kien konformi mal-ligi u mal-principji tal-gustizzja naturali billi l-esponent fil-waqt li malli nduna bl-illegalita' baghat javza lill-attur illi huwa kien qieghed jirtira l-permess (haga illi huwa kien obbligat li jaghmel skond il-ligi illi ma tippermettiex it-trasferiment ta' licenzja ta' kiosk minghajr ma tinzamm l-istess kategorija ta' negozju) fl-istess ittra talab lill-attur biex jattendi fl-ufficcju tieghu biex tigi regolarizzata s-sitwazzjoni liema stedina ma gietx akkolta mill-istess attur. Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-esponent, ghad illi agixxa, kif kien obbligat li jagixxi mmedjatament biex iwaqqaf l-illegalita', ma tax opportunita' lill-attur sabiex jaghmillu sottomissjonijiet fejn igib ragunijiet il-ghala l-permess ghandu jerga' jinghata lilu. Fil-fatt l-attur ghamel tali sottomissjonijiet permezz tal-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju 2007 izda l-istess spjegazzjonijiet migjuba mill-attur ma kienux jaghtu spjegazzjoni sodisfacenti illi setghet tiggustifika illi l-permess jigi ri-attivat.

"4. Illi l-attur qieghed jivvanta dritt ghall-permess illi skond il-Ligi mhux possibbli illi jinhareg u dan peress illi l-akkwist tal-permess da parti ta' l-attur kien wiehed illi jmur kontra r-regolamenti. Il-permess illi qieghed jivvanta l-istess attur huwa wiehed specifikatament marbut mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA 824, liema vettura hija *refrigerated van* u prezentement tappartjenti lil certu Anthony Zammit li akkwista l-istess vettura fis-26 ta' Ottubru 1999 u qatt ma ttrasferiha lill-attur (kopja ta' dettalji tas-sid tal-vettura hawn annessi u mmarkati 'Dok. SSF 1'). Dan juri b'mod car u nekwivoku l-impossibbilta' illi l-istess attur effettivament jarma' permezz ta' din il-vettura (u dan ukoll meta l-prodott li qieghed joffri l-istess attur mhux prodott illi ghandu bzonn illi jkun refrigirat) u n-natura artificjali u simulata tat-trasferiment tal-licenzja li sar lill-attur fejn l-attur ippretenda li jakkwista l-licenzja minghajr ma jakkwista l-vettura illi hija marbuta mal-licenzja u minghajr ma jakkwista n-negozju gestit permezz tal-istess licenzja.

"5. Illi l-hrug ta' permess sabiex wiehed ikun jista' jbiegh f'suq fil-berah ma hux sinonimu ma' allokazzjoni ta' post fiss fl-istess suq, Illi dan johrog b'mod car mill-Artikolu 14 (1) ta' l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc li jistipula illi 'izda dik il-licenzja ma taghti ebda dritt lid-detentur taghha li jiggestixxi l-attivita' kummercjali minn xi post fiss f'suq fil-berah f'xi lokalita' minghajr ma jkollu l-awtorizzazjoni minn qabel u bil-miktub tal-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalita' skond l-artikolu 24'.

"6. Illi l-Artikolu 24 ta' l-istess Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc jipprovdi illi meta jkun gie mwaqqaf xi suq fil-berah f'xi lokalita', hadd ma jista' jiggestixxi xi attivita' kummercjali minn xi post fiss f'dak is-suq kemm-il darba huwa ma jkollux licenzja skond l-artikolu 14 u jkun awtorizzat li jwettaq dik l-attivita' minn xi sit fil-lokalita' ta' dak is-suq li tigi lilu allokata mill-Kunsill Lokali`. Illi mill-licenzja illi qieghed jirreferi ghaliha l-attur u mid-dokumenti esebiti minnu ma jirrizultax illi kien hemm awtorizzazjoni bil-miktub mill-Kunsill Lokali koncernat sabiex l-attur jarma minn post fiss kif jipprovdi l-imsemmi artikolu tal-ligi.

"7. Illi l-attur qieghed jibbaza l-hrug ta' licenzja fuq trasferiment li sar lilu minghand Guglielmo sive William Briguglio li kien awtorizzat ibiegh il-halib minn quddiem is-suq tal-Belt izda ma kienx awtorizzat li jagixxi ta' bejjiegh tal-Monti, skond ir-regolament numru 27 tar-Regolamenti ta' l-2006 tali licenzja m'hijiex trasferibbli. Huwa wkoll rilevanti illi l-licenzja illi kellu Briguglio kienet wahda ta' '*fixed hawker'* illi ma kienux previsti taht ir-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc kif *in vigore* fiz-zmien meta sar it-trasferiment lill-attur u anke kieku wiehed kellu jikkonsidra l-licenzja ta' l-imsemmi Briguglio bhala wahda ta' 'Kiosk' din xorta wahda ma tistax tigi trasferita minghajr ma jinzamm l-istess generu ta' negozju.

"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

"9. Bl-ispejjez.

"**<u>In kwantu ghad-Dikjarazzjoni:</u>**

"Illi minkejja illi l-attur ma ghamilx dikjarazzjoni ta' fatti separata, l-esponent filwaqt illi a skans ta' ripetizzjoni jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet qieghed izid is-segwenti:

"1. In kwantu ghal dak dikjarat fil-paragrafu 8 tar-Rikors Guramentat, in risposta, l-esponent jikkontesta dan peress illi l-Gvern ghandu kull dritt illi jikkostruwixxi rampa fuq il-propjeta' tieghu. L-esponent jikkontesta dan il-fatt ukoll fuq il-bazi illi l-attur ma ghandu l-ebda titolu fuq l-art pubblika quddiem is-suq tal-Belt fejn huwa qieghed jippretendi u jivvanta illi ghandu dritt illi

jezercita n-negozju tieghu. L-esponent f'dan ir-rigward jirreferi ghar-regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc illi specifikatament fir-regolament 26 jipprovdi illi licenzja ma taghtix jedd lill-bejjiegh bil-post li jiggestixxi dik l-attivita' kemm-il darba, dwar xi suq fil-berah partikolari, ma jkunx gie allokat post fiss mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' fejn ikun jinsab dak is-suq.' Issir riferenza wkoll ghar-regolament 30 (2) (f) jipprovdi illi 'bejgh minn post fiss fil-Belt Valletta huwa permess biss ghall-bejgh ta' haxix, hobz, halib, fjuri, pitrolju u cilindri tal-gass' fil-waqt illi ai termini tar-regolament 30 (4), 'il-Pulizija tista' tordna lil bejjiegha fit-toroq ma jibqghux f'xi mkien f'xi triq.'"

Rat ir-risposta tal-konvenuti l-ohra li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

"2. Illi l-esponenti ntimati gew imharrka nutilment, ma humiex legittimi kontradittur u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu illi l-azzjoni attrici hija bazata fuq l-Artikolu 469A tal-KAP 12.

"3. Illi dan qed jinghad peress illi fi kliem din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Dr. Tonio Mallia – '*L-Artikolu 469A jipprovdi lic-cittadin mezz ta' kif jista' jattakka jew jimpunja atti maghmula mill-amministrazzjoni* … ' – **Kunsill Lokali Birzebbugia vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** – 7/07/2004, u ghalhekk, kif ser jigi ppruvat waqt il-kors ta' din il-kawza, in kwantu illi l-esponenti ntimati ma ghamlu jew wettqu ebda att amministrattiv, huma qatt ma kellhom jigu ntimati mir-rikorrent f'dawn il-proceduri u/jew fil-proceduri kollha ancillari u sussidjarji.

"4. Illi di piu', kif deciz minn din l-istess Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Dr. Noel Cuschieri – *f'azzjoni ghad-danni taht l-Artikolu 469A tal-KAP 12, danni ma ghandhomx jinghataw mill-Qorti meta, minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv …..* '**Denise Buttigieg vs Rettur ta' l-Universita' ta' Malta et** – 22/12/2003, u ghalhekk danni jistghu jigu riklamati taht l-Artikolu 469A meta jkun qed jigi attakkat att amministrattiv jew decizjoni amministrattiva, haga illi l-intimati ma ghamlux u ma wettqux u allura ma jistghu qatt jinstabu responsabbli ghad-danni kif riklamat fir-rikors mahluf promotur.

"5. Illi kif sejjer jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza, l-esponenti ramaw fil-postijiet lilhom indikati mill-awtoritajiet koncernati wara gimghat ta' tilwim industrijali u wara ftehim milhuq bejn l-awtoritajiet u l-Union rapprezentattiva taghhom u ma hadu ebda decizjoni huma minn jeddhom jew wahedhom li qatt setghet tintitola lir-rikorrent jipprocedi kontra l-esponenti, wisq aktar fuq il-bazi legali li ghogbu jipprocedi r-rikorrent.

"6. Illi ghandu jirrizulta wkoll fil-kors ta' dawn il-proceduri illi d-decizjonijiet attakkati u mpunjati mir-rikorrent kif jirrizultaw mir-rikors promotur, ossija, (a) l-irtirar tal-licenzja 01/1904 u (b) ir-rampa li r-rikorrent isostni li ma thalliehx jarma t-truck tieghu – huma decizjonijiet amministrattivi mehuda mill-amministrazzjoni (li qed jigu difizi mill-amministrazzjoni kif rapprezentata f'dawn il-proceduri) imma zgur mhux mill-esponenti u wisq anqas b'xi sehem ta' l-esponenti li tista' b'xi mod tirrendilhom komplici fit-tehid tad-decizjonijiet amministrattivi hawnhekk impunjati mir-rikorrent, jew fil-ksur tal-jeddijiet vantati mir-rikorrent b'mod illi b'xi mod jistghu jinzammu jew jinstabu responsabbli ghal xi danni.

"7. Illi di fatti u in prova ta' dan kollu hawn fuq espress, fis-7 ta' Settembru 2007 lid-Direttur tal-Kummerc u Alan Debattista waslu ghal ftehim temporanju pendenti din l-odjerna kawza. Dan il-ftehim sar *ad insaputa* tal-esponenti, minghajr l-intervent taghhom u minghajr il-kunsens taghhom u z-zewg partijiet hemmhekk indikati kienu kuntenti bil-ftehim minnhom milhuq b'dan illi hallew barra kompletament mill-istess ftehim lill-esponenti. Illi dan kollu jmur biex juri kemm il-vertenza kellha minn dejjem tkun bejn id-Direttur imsemmi u r-rikorrent ad eskluzjoni ta' l-intimati odjerni – li gew intimati fil-Mandat ta' Inibizzjoni u konsegwentament f'din il-kawza minghajr bzonn u necessita' u minghajr ebda bazi legali kwalsiasi.

"8. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici fil-konfront tal-intimati esponenti ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent u l-istess intimati hawnhekk esponenti ghandhom jigu wkoll mehlusa mill-effetti kollha li l-Mandat ta' Inibizzjoni 978/07FS gab fuqhom b'mod intort u skorrett, b'dan illi definittivament fil-konfront taghhom tigi michuda l-ewwel talba attrici, noltre kif ghandhom jigu michuda t-talbiet l-ohra kollha maghmula fir-rikors promotur.

"9. Salv risposti ulterjuri.

> "10. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar, 2008, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur tal-Kummerc (dwar l-inapplikabbilita` tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti l-ohra u illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma humiex il-legittimi kontradittturi;

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li fis-26 ta' Jannar 2007, ir-rikorrent inhariglu permess bin-numru 01/1904 mit-Trade Licensing Unit sabiex jezercita n-negozju bhala "*Market Hawker*" permezz ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA 824 gewwa Triq il-Merkanti u dan in segwitu tal-licenzja precedenti numru P/B/79/90 hekk kif jidher mid-dokument immarkat JMS1 li gie anness mar-rikors guramentat.

> "Illi sussegwentement dan il-permess gie annullat mid-Direttur intimat permezz ta' ittra datata t-30 ta' Mejju 2007 u r-raguni moghtija kienet illi l-permess qatt ma' messu nhareg. Fl-istess ittra r-rikorrent gie interpellat sabiex jieqaf milli jkompli jarma fi Triq il-Merkanti u jiggestixxi l-attivita' kummercjali tieghu. (Dokument JM2 anness mar-rikors guramentat) Inoltre, r-rikorrent gie mitlub sabiex imur l-ufficju tal-Ministeru sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu pero' r-rikorrent ghazel li ma' jmurx u minflok ipprezenta ittra ufficjali f'Gunju 2007 (kopja mhux legali giet ezebita mar-rikors u giet immarkata bhala Dok. JMS3) fejn interpella lid-Direttur intimat sabiex jirtira l-ittra tat-30 ta' Mejju 2007 u dan minhabba r-ragunijiet hemmhekk imsemmija. Illi b'risposta ghal din l-ittra ufficjali d-Direttur intimat ipprezenta ittra ufficjali fit-3 ta' Lulju 2006 (pero' jidher illi hemm zball fis-sena peress illi jirrizulta illi giet

ipprezentata fir-Registru fit-3 ta’ Lulju 2007) (kopja annessa mar-rikors immarkata bhala Dok. JMS 4). F’din l-ittra ufficjali d-Direttur tal-Kummerc cahad l-allegazzjonijiet hemmhekk dedotti fil-konfront tieghu fir-rigward ta’ favoreggjament, diskriminazzjoni u ksur ta’ drittijiet u nforma lir-rikorrent illi huwa ma’ jistax jirtira l-ittra tat-30 ta’ Mejju 2007.

“Illi r-rikorrent sussegwentment talab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li jgib in-numru 978/07FS fil-konfront ta’ l-intimati, liema talba giet milqugha fis-16 ta’ Lulju 2007 (kopja tas-sentenza giet annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok. JMS 5) u fit-18 ta’ Lulju 2007 ir-rikorrent ipprezenta r-rikors odjern fejn talab fost affarijiet ohra li jigi dikjarat l-eghmil amministrattiv imsemmi bhala null u bla effett .

“**Eccezzjoni preliminari**

“L-intimat Direttur tal-Kummerc eccepixxa fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti biex tisma’ dan il-kaz a tenur tal-**artikolu 469A (4) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:

> *“Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma’ ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut f’xi ligi ohra.”*

“L-artikolu 469A jipprovdi lic-cittadin mezz ta’ kif jista’ jattakka jew jimpunja atti maghmula mill-amministrazzjoni u jipprovdi wkoll ir-ragunijiet li fuqhom tali azzjoni tkun tista’ tigi bazata. Dan l-artikolu jipprovdi rimedju b’mod generali, izda is-subartikolu (4) jaghmilha cara li fejn ligi specjali tipprovdi rimedju adegwat, ir-rimedji kontemplati fl-artikolu 469A ghandhom jitqiesu mhux applikabbli, peress li huwa mistenni li c-cittadin li jhoss ruhu aggravat ghandu jinqeda bir-rimedji specjali kontemplati fil-ligi *ad hoc* li tirregola dak l-att.

“Id-Direttur tal-Kummerc isostni l-eccezzjoni tieghu b’referenza ghall-Avviz Legali 1 tat-2006 u b’mod specifiku ghar-regolament numru 40 li jipprovdi id-dritt ta’ appell ghal decizjoni tas-Sezzjoni tal-Licenzji tal-Kummerc jew ta’ xi Kunsill Lokali, liema appell ghandu jsir permezz ta’ rikors quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar il-Licenzjar u ghandu jigi pprezentat ghand is-Segretarju tal-Bord

fi zmien hmistax-il gurnata mid-data meta l-applikant ikun gie avzat mis-Sezzjoni tal-Licenzji tal-Kummerc.

"Fil-kaz odjern ir-rikorrent kien gie avzat mid-Direttur intimat illi l-licenzja tieghu kienet qeghda tigi annullata permezz ta' ittra datata t-30 ta' Mejju 2007 izda r-rikorrent li hassu aggravat b'din id-decizjoni ma' segwiex il-procedura dettata mill-ligi u ma' pprezenta l-ebda applikazzjoni fiz-zmien koncess lilu izda ghazel li jiehu passi ohrajn ossija li jipprezenta ittra ufficjali, segwita b'mandat ta' inibizzjoni u r-rikors odjern.

"Id-direttur intimat ghalhekk jissttometti li meta l-licenzja giet revokata r-rikorrent sab ruhu f'sitwazzjoni ta' persuna li qeghda tapplika ghall licenzja (*status quo ante*) u ghalhekk kellha rimedju li setghet tuza quddiem dan it-tribunal.

"Ir-rikorrent pero' ma jaqbilx ghax jirritjeni li hemm differenza bejn persuna li tapplika ghal licenzja u persuna li ghandha licenzja li qeda topera biha u f'daqqa wahda dina tigi revokata.

"Illi fil-fehma tal-Qorti r-rimedju li d-Direttur intimat qed jghid li r-rikorrent ghandu fil-fatt mhu rimedju xejn u lanqas ma hu wiehed li jista' jaghtih success lir-rikorrent u dan jidher car mill-eccezzjonijiet tal-intimat fejn hu ovvju li anke jekk jerga japplika mill-gdid ir-rikorrent mhux ser jinghata licenzja. Fl-eccezzjoni tieghu fil-para 4 l-intimat jghid:

"*Illi l-attur qieghed jivvanta dritt ghall-permess illi skond il-Ligi <u>mhux possibbli</u> illi jinhareg u dan peress illi l-akkwist tal-permess da parti ta' l-attur kien wiehed illi jmur <u>kontra r-regolamenti</u>.*

"Jidher ovvju ghalhekk li jekk ir-rikorrent jerga japplika jew jikkontesta d-decizjoni quddiem it-Tribunal se jghidulu li mhux possibbli li jinhareg il-permess ghax dak li ghandu hu llegali u kontra r-regolamenti. Ir-rikorrent ghalhekk ghandu ragun li jippromuovi dina l-azzjoni a bazi ta' l-artikolu 469A biex jigi determinat jekk id-decizjoni tad-Direttur intimat kienitx wahda li saret ghal ghanijiet xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet rilevanti.

"Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"**Eccezzjoni – legittimi kontraditturi**

"L-intimati Stephen Antoine Buhagiar eccepew li n kwantu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija bazata fuq l-Artikolu 469A tal-KAP 12. huma gew imharrka nutilment u ma humiex legittimi kontradittturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dana billi huma qatt ma ghamlu jew wettqu ebda att amministrattiv.

"Kif gja rajna d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta wiehed irid jikkontesta jew ifittex li jikseb rimedju dwar xi att amministrattiv kontra Awtorita' Pubblika. Issa fil-kaz in ezami l-intimati Stephen A Buhagiar u l-ohrajn huma bejjiegha tal-Monti u ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-hrug u/jew mal-irtirar tal-licenzja tar-rikorrent. Huma gew biss assenjati post biex joperaw skond il-licenzja li kellhom.  Lanqas ma jistghu jigu mfitxxija ghal-danni kif qed jitlob ir-rikorrent billi huma ma wettqu ebda att amministrattiv li jista' jigi attakkat jew dikjarat null bil-konsegwenti responsabilita' ghal danni.

"Jigi rilevat inoltre li dina l-eccezzjoni bl-ebda mod ma giet kkontestata mir-rikorrent."

Rat is-sentenza finali li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Tichad l-ewwel talba.

"Tilqa` t-tieni talba biss u limitatament fis-sens li tiddikjara li fl-ghemil amministrattiv tal-konvenut Direttur (Servizzi ta' Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) mertu ta` din il-kawza fejn dan kien jolqot lill-attur kien hemm ksur tal-Art.469(1)(b)(ii) tal-Kap.12 stante li ma kienx

osservat l-principju tal-gustizzja naturali (*audi alteram partem*) u ghalhekk dak l-ghemil amministrattiv kien *ultra vires.*

“Tilqa` t-tielet talba.

“In kwantu ghar-raba` talba, tiddikjara illi l-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) huwa responsabbli ghal danni versu l-attur.

“Tichad il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici.

“In kwantu ghall-kap tal-ispejjez, wara li tqis li b`effett tas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-30 ta` Jannar 2008 il-konvenut Direttur (Servizzi ta` Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Kommunikazzjoni) diga` kien ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha konnessi mac-cahda tal-ewwel eccezzjoni tieghu, filwaqt li l-attur kien ikkundannat ihallas l-ispejjez tal-konvenuti Buhagiar, Casa, Attard u Micallef wara li kienet akkolta t-tieni eccezzjoni taghhom, din il-Qorti tghid, b`applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, li l-bqija tal-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn l-attur u l-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni).

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjoniet:

“L-azzjoni tal-attur saret abbazi tal-Art.469A tal-Kap.12.

“Fil-mertu tirrigwarda licenzja li hareg it-Trade Licensing Unit fis-26 ta` Jannar 2007 a favur ta` l-attur sabiex ikun jista’ jopera bhala market hawker (fol 5) fi Triq il-Merkanti, Valletta, fejn illum jarma l-Monti. Il-licenzja kienet valida sal-31 ta’ Dicembru 2007.

“Jidher illi l-licenzja mahruga lill-attur bin-numru 01/1904 kienet intiza ghal negozju ta’ kozmetika, hwejjeg u zraben fost l-ohrajn. Originarjament din il-licenzja kienet iggib in-numru P/B/79/90 (ara l-licenzja a fol. 5 tal-process) u kienet inharget fuq persuna ohra, certu William Briguglio sabiex ibiegh u jiddistribwixxi l-halib.

“Jidher illi dan Briguglio ttrasferixxa din il-licenza fuq ir-ragel tat-tifla tieghu, certu Anthony Zammit (ara fol. 410 fejn b`ittra tad-19 ta’ April 1990 William Briguglio talab lil Malta Dairy Products Limited (“MDP”) sabiex il-licenzja biex ibiegh il-halib tigi trasferita fuq ir-ragel ta’ bintu, certu Anthony Zammit). In segwitu Anthony Zammit qaleb il-permess fuq l-attur.

“Jirrizulta (ara l-kuntratt ezebit a fol. 525 tal-process) illi Anthony Zammit kien ftiehem mal-MDP fit-18 ta’ April 1991 sabiex ikun distributur tal-halib u jopera f’dik il-parti tal-Belt Valletta li tkun assenjata lilu specifikament skond il-ftehim. Mix-xhieda ta’ Oscar Attard, rapprezentant tal-MDP (ara fol. 544 et seq) jirrizulta li l-attur qatt ma dahal fi ftehim ma` l-istess kumpanija sabiex il-ftehim li dawn kellhom ma` Anthony Zammit bhala distributur tal-halib jigi trasferit lilu. Fil-fatt dan ix-xhud jistqarr li ‘*Alan Debattista m’ghandi lil hadd assolutament*’. Minn dak li stqarr dan ix-xhud, jirrizulta wkoll li Anthony Zammit min-naha tieghu ma ghamel l-ebda talba lil MDP sabiex il-ftehim li kellu maghha jigi trasferit lil haddiehor (ara fol. 546). Li ghamel kien li dahal f’kuntratt iehor fl-2007 li jaghlaq fl-2011 (ara fol. 547). Ix-xhud ikompli jghid illi Anthony Zammit ghadu qieghed ibiegh il-halib minn gos-suq tal-Belt u li jista’ jaghmel hekk ghaliex din hija l-area assenjata lilu mill-MDP ghad-distribuzzjoni tal-halib. A fol 549 u 550, l-istess xhud stqarr hekk -

> “*Dr J Sammut: Ara jekk qed nifhmek sew, sakemm id-distributur qieghed gol-area tieghu intom ghalikom jista` jkollu iktar minn outlet wahda ?*
>
> “*Xhud: Ma nidhlux jekk ghandux outlet jew le, li ghandu l-area jinteressana u jserviha tajjeb skont il-kuntratt.*
>
> “*Dr J Sammut: Jigifieri intom fil-fatt illi kien hemm posta gos-suq u l-istess distributur kellu permess ta’ hawker fixed barra, ma jinteressakhomx.*
>
> “*Xhud: Hekk hu.*

“*(omissis)*

“*Dr J Sammut: Taf tghidilna li kontu tafu li hemm fixed hawker barra jbiegh il-halib, a konoxxenza li kien hemm fixed hawker ibiegh barra s-suq ?*

“*Xhud: Ifhimni jien ili min-1987 hemmhekk niftakru dejjem. Pero’ infurmat ukoll ghax saqsejt illi dan kien ilu anke qabel, jigifieri kien ghadu fi zmien l-MMU.*”

“**Ikkunsidrat :**

“Jidher li l-licenzja ghad-distribuzzjoni tal-halib kienet ta` Anthony Zammit li, minbarra li kien ibiegh il-halib mill-posta tas-Suq tal-Belt, kellu wkoll, fi Triq Merkanti, Valletta, permess ta` fixed hawker li imbaghad gie trasferit lil attur. Fuq dan is-sit l-attur juza karozza kummercjali tat-tip Dodge Nru.IAA 824. Jidher illi meta l-attur akkwista l-licenzja ta` fixed hawker huwa beda jbiegh minn fuq dan is-sit, ezattament fi Triq Merkanti Valletta (ara l-licenzja a fol. 5). Saviour Farrugia, Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc (a fol. 461 tal-process) jaccetta li ‘*d-decizjoni forsi ttiehdet fuq premessi zbaljati*’ minhabba n-nuqqas ta’ informazzjoni. Aktar tard dan ix-xhud xehed hekk :

“*Dr J Sammut: Mela allura jekk qed nifhmek sewwa, kuntrarjament ghal dak li ghadek kif ghidtilna ftit ilu, sar trasferiment attwalment tal-licenzja f’isem l-attur. Inti ftit ilu ghidtilna t-trakk biss gie trasferit, issa qed tghidilna li giet trasferita l-licenzja.*

“*Xhud: Meta ahna gejna nfurmati t-talba tat-trasferiment kienet illi tigi trasferita l-licenzja.*

“*Dr J Sammut: U saret din?*

“*Xhud: U saret. Giet trasferita pero’ giet trasferita fuq informazzjoni zbaljata, dak huwa l-argument kollu u hawnhekk sibna d-difett.”*

"Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tghid jekk il-hrug ta` din il-licenzja lill-attur setghetx fil-fatt issehh, meqjus li Anthony Zammit jidher li ghadu detentur ta` licenzja biex ikun jista` jbiegh il-halib (ara x-xhieda tad-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc a fol. 460 u 461 tal-process). Huwa fatt illi l-attur inhargitlu licenzja fuq licenzja ohra ezistenti u appartenenti lil Anthony Zammit. Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tghid jekk tali licenzja hijiex nulla jew le. Il-kompitu ta` din il-Qorti huwa li tghid jekk id-decizjoni tat-thassir tal-licenzja taghtix rivalsa lill-attur skond l-Art.469A tal-Kap.12.

"Jidher illi meta l-licenzja giet trasferita minn Anthony Zammit ghal fuq l-attur, it-Trade Licensing Unit accetta li jaghmel dak it-trasferiment kif ukoll li jidbel il-generu jew kategorija taghha cioe` mill-bejgh ta` halib ghal bejgh ta` zraben, hwejjeg, kozmetici, gugarelli u ohrajn. Jidher illi d-Divizjoni tal-Kummerc indunat illi l-bdil tal-kategorija tal-licenzja ma kenitx ghadha legali u dan skond regolamenti li kienu gew promulgati fl-2006 (li huma esebiti). Fuq din il-premessa, Saviour Farrugia bhala Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc kiteb lill-attur fit-30 ta' Mejju 2007 u avzah (ara fol. 6) illi '*b` sehh immedjat il-permess hawn fuq indikat qieghed jigi annullat ghaliex qatt ma messu hareg u inti mitlub tieqaf milli tarma fil-post fi Triq Merkanti u tiggestixxi l-attivita' kummercjali. Inti mitlub tigi l-ufficcju tieghi biex tigi regolata s-sitwazzjoni'.* L-istess Farrugia fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni bejn l-istess partijiet jaccetta illi '*l-ufficcjal involut ma ndunax li minhabba tibdil fil-ligi dan ma kienx aktar possibbli, huwa accetta 'in buona fede' li jilqa` t-talba ghat-trasferiment'*, u aktar tard, fir-replika ghar-risposta ta' l-attur rega' tenna li '*bi zball genwin ta` impjegat fid-dipartiment, int ma gejtx infurmat mill-ewwel li taht il-permess li kellek ma stajtx twettaq bdil fil-generu tan-negozju sabiex tibda tbiegh iz-zraben mis-sit imsemmi fil-permess'* (ara fol. 9).

"Jidher illi qabel l-2006, kien permissibbli skond il-ligi li jsir trasferiment u anke bdil fin-natura tal-licenzja li wiehed ikun qed japplika ghaliha. U li kien biss fl-2006 bil-bidla fir-regolamenti li ma baqax permissibbli li licenzja tinbidel fil-generu tan-negozju gestit bis-sahha taghha – ara l-A.L.1 tal-2006. Fix-xhieda tieghu, id-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc fisser li l-licenzja originali kienet licenzja antika mahruga mill-Pulizija u li kieku ma nbidilx id-detentur jew il-generu tan-negozju, kienet tibqa' *in vigore*. Kompla jispjega li '*once li sar it-tibdil ta' l-owner u once li sar it-tibdil ankea tal-generu allura l-kundizzjonijiet waqghu u dahlu taht ir-regim tal-licenzji l-godda'* (ara fol. 461 u 462).

“Ix-xhud Joseph Difesa, missier l-gharusa ta` l-attur, spjega x’kien gara fiz-zmien meta l-attur kien applika sabiex il-licenzja tigi trasferita lilu u sabiex jibdel il-generu tan-negozju ndikat (ara fol. 433) :

> *‘Kont ikkomunikajt ma` certu wiehed Ninu li kien qed jiehu hsieb il-permessi ta’ dan it-trakk. Mort mieghu l-Kunsill tal-Belt biex nara jekk kienx hemm problemi. Morna wkoll il-Lands, morna wkoll it-Trade, kellimna lis-Sur Carter u konna qeghdin nistaqsu jekk il-permess jistax jinqaleb u dawn qalulna li ma kienx hemm problemi. Qalilna li l-importanti li nhallsu l-elf lira lill-gvern u jinqaleb. Ghamilna l-applikazzjonijiet kollha, nizzilna l-applikazzjoni fuq Alan Debattista u l-permess ghadda ghal fuqu. Ghamilna xi tlett xhur narmaw fejn kien hemm it-trakk imma bi trakk iehor. Domna tlett xhur biex gibna dan il-permess. Nikkoregi ruhi, ghamilna xi xahrejn sakemm hadna l-permess. F’dan il-perjodu ta’ xahrejn hadd ma gibdilna l-attenzjoni ghal xi haga.’*

“Dak li stqarr l-istess Difesa, huwa kkorroborat minn Charles Carter li kien jokkupa l-kariga ta’ Principal fid-Dipartiment tal-Kummerc. Dan tal-ahhar xehed li huwa hareg il-permess sabiex il-licenzja tigi trasferita fuq l-attur u fl-istess hin jinbidel il-generu tan-negozju minn wiehed tal-halib ghal wiehed tal-hwejjeg, fost l-ohrajn, huwa ma kienx jaf illi kienu hargu regoli godda u li dan it-tip ta` trasferiment ma kienx ghadu legali (ara fol. 493 u 494 tal-process) -

> “*Il-Qorti: Jigifieri meta s-Sur Debattista talab ic-caqlieq, li jibdel il-generu u inti approvajtlu, ir-regolamenti li qed taghmel referenza ghalihom il-godda kienu diga’ dahlu fis-sehh ?*
>
> “*Xhud: Iva kienu fis-sehh.*
>
> “*Il-Qorti: Jigifieri dan zball kien?*
>
> “*Xhud: Ehe zgur.*

“Li l-ufficjal Charles Carter kien ghamel zball meta hareg il-licenzja lill-attur jirrizulta ampjament mill-provi prodotti matul din il-kawza. Diversi kienu l-

okkazjonijiet fejn dan l-ufficjal accetta li kien ghamel zball ghax ma kienx jaf li kienet inbidlet il-ligi (ara fol. 443 tal-process).

“Mistoqsi jekk l-attur setax baqa’ bil-licenzja tal-halib biss, kif kien il-permess originali, Carter ighid illi dan kien permissibbli. Izda meta mistoqsi ghaliex ma hallewx lil attur il-licenzja tal-halib, kif kienet originarjament, huwa ma setax jaghti twegiba (ara fol. 495 tal-process). Huwa spjega d-decizjoni li l-permess jigi rtirat kollu kemm hu kienet tad-Direttur.

“Daqstant fis-sostanza l-fatti saljenti tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

“Din il-Qorti sejra tippronunzja ruhha l-ewwel dwar it-tieni u t-tielet talbiet billi huma t-talbiet principali tal-istanza attrici.

“**<u>It-tieni u t-tielet talbiet</u>**

“It-tieni talba tghid hekk –

“*Prevja kull dikjarazzjoni li thoss hija necessarja u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi (a) l-ghemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikolu 469(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u (b) dato che l-intimati l-ohra kienu, u huma, ghal kurrent tal-fatt illi r-rikorrenti kien legittimament inhariglu permess sabiex jarma bit-truck tieghu fi Triq it-Teatru kantuniera ma` Triq il-Merkanti Valletta, kif aktar il-fuq spjegat, l-ghemil taghhom li rmaw fuq l-istess posta jirrendihom komplici fil-ksur tal-jeddijiet u drittijiet tar-rikorrenti da parti tad-Dipartiment intimat u jesponihom ghal hlas ta’ danni flimkien ma` l-intimat l-iehor id-Direttur (Servizz ta` Kummerc).*

“It-tielet talba tghid hekk -

“*Tiddikjara illi tali ghemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett.*

“**<u>L-Art.469A tal-Kap.12</u>** jaqra hekk –

“*(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

“*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

“*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*

“*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; <u>jew</u>*

“*(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l- eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l- eghmil; <u>jew</u>*

“*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; <u>jew</u>*

“*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

“Diga` kien rilevat li mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti li tidhol fil-mertu ghala nharget il-licenzja ta’ hawker lill-attur.

"Fil-kawza tal-lum, dak li l-attur qieghed jitlob huwa li din il-Qorti tissindaka d-decizjoni amministrativa li permezz taghha thassret il-licenzja l-awtorita` kompetenti kienet qabel harget favur tieghu.

"Hawn jinsorgi l-kwesit. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien legittimu jew permess mil-ligi l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-attur jew lesiv ghad-drittijiet tal-istess attur?

"Din il-Qorti tghid illi meta d-Dipartiment tal-Kummerc, tramite l-ufficjali tieghu, iddecieda li jhassar il-licenzja li kienet inharget lill-attur u avzah b`ittra f`dak is-sens huwa ma tax opportunita` xierqa lill-attur sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, qabel tittiehed decizjoni finali kif fil-fatt sar bl-ittra tat-30 ta' Mejju 2007 (fol. 6).

"Ghal din il-Qorti, dak l-agir kien jammonta ghall-ksur tal-principju tal-gustizzja naturali '*audi alteram partem'* fil-kuntest tal-Art.469A(1)(b)(ii) tal-Kap.12.

"Fid-dritt amministrattiv ta` pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza (ara "**Cassar Desain vs Forbes noe**" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u "**Lowell et vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel ma l-Parlament Malti ghamel ligijiet *ad hoc* sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta *lacuna* fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza.

"Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

"Il-principju *audi alteram partem* jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghidu tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.

"Fis-sentenza Ingliza "**Ridge v. Baldwin"** (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala *'a rule of universal application'*. F`dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk **–**

> '*before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'*. U jkompli hekk -*Accordingly, in my judgment, a local authority is under a duty, when dealing with entertainment licences, first, to inform the applicant of the substance of any objection or of any representation in the nature of any objection … and secondly, to give him an opportunity to make representations in reply'.*

"Fil-kawza "**Board of Education v. Rice"** (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali *'is a duty lying upon everyone who decides anything*'.

"L-awturi **Wade and Forsyth** fil-ktieb **"Administrative Law"** (Tenth Edition – OUP – 2009 – pag.408) ighidu hekk :

> "*Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties"* (enfasi tal-Qorti)

"Fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali -

> *"Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom."*

(ara wkoll – "**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti, diversament presjeduta, (PA/RCP) moghtija fis-27 ta' Jannar 2011 fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon vs Ministru ghall- Affarjiet Rurali u l-Ambjent et"** kien ritenut hekk –

*"Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha pre-avviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess, tant li fl-**Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action** (4th Edit. fol. 196) jinghad li "Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter". **("Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et" Prim Awla, 20 ta' Ottubru 2005 ; "A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation", Prim Awla, 27 ta' Ottubru 2004).**"*

"Fis-sentenza **"A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta (PAK/TM) fl-14 ta' Ottubru, 2004, kien ipprecizat li "*ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha*."

"Kif diga` accenna qabel, il-konvinzjoni ta' din il-Qorti hi l-konvenut Direttur (Servizzi ta` Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Kommunikazzjoni) irrinfaccja lill-attur *con un fatto compiuto* u b`hekk ivvjola l-principju ta` '*audi alteram partem*' fil-konfront tal-attur.

"Fix-xhieda tieghu, l-attur fisser ruhu hekk (fol. 482 tal-process) :-

*“Xhud: Kienu baghtu ghalija ghax kienu waqqfuni milli narma u kien mar missieri jkellem lid-dipartiment.*

*“Dr J Sammut: Jigifieri lilek waqqfuk, gew fuqek. Min gie fuqek biex iwaqqfek ?*

*“Xhud: Kienu baghtu l-pulizija u kont ircevejt l-ittra minghand id-dipartiment. Waqqfuni milli narma, baghtuli li l-permess gie annullat.*

“Fil-kaz lum, aktar u aktar kellu l-konvenut jaghti opportunita` ta` smigh xieraq lill-attur qabel ma jirrevokalu l-licenza, meqjus il-fatt accertat li kien il-konvenut jew impjegat li ghalih hu kien responsabbli, li ghamel l-izball li a bazi tieghu kienet appuntu harget il-licenzja u li abbazi ta` dak l-istess zball dik l-istess licenzja kienet qeghda tithassar. L-ironija hi li l-attur spicca vittma tan-nuqqas ta’ l-amministrazzjoni li zzomm ruhha aggornata ma` regolamenti godda li hija stess kienet harget f`settur li kien jaqa` taht il-kontroll u responsabilita` diretta taghha stess.

“Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni talba <u>limitatament</u> fis-sens li qeghda tiddikjara li fl-agir tal-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) kien hemm ksur tal-Art.469(1)(b)(ii) tal-Kap.12 stante li fid-decizjoni li ha fir-rigward tal-attur ma kienx osservat l-principju tal-gustizzja naturali (*audi alteram partem*). “Ghalhekk id-decizjoni kienet *ultra vires.* Issib li ma kienx hemm prova ta` ksur tal-Art.469(1)(a) jew (1)(b)(iii) tal-Kap.12.

“Qeghda tilqa` wkoll it-tielet talba u qeghda ghalhekk tiddikjara d-decizjoni li ha l-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) fil-konfront tal-attur bhala nulla, invalida u minghajr effett.

“**Ikkunsidrat:**

“**<u>Ir-raba`, il-hames u s-sitt talbiet</u>**

“Dawn it-tliet talbiet jittrattaw il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas ta` danni konsegwenza tad-decizjoni li ha l-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) fil-konfront tieghu u li din il-Qorti ddikjarat bhala nulla, invalida u minghajr effett ghar-raguni premessa.

“L-ghoti ta` danni meta Qorti tissindaka eghmil amministrattiv kif sar fil-kaz tal-lum huwa regolat bl-**<u>Art.469A(5)</u>** tal-Kap.12. Jekk jigu sodisfatti l-parametri ta` din id-disposizzjoni allura min ikun garrab il-konsegwenzi negattivi tal-eghmil amministrattiv ikollu jedd jirreklama danni. Sorvolata din il-kwistjoni l-ewwel, il-persuna koncernata tkun xorta wahda tkun trid taghmel il-prova tad-danni li tispetta lilha.

“L-Art.469A(5) jaqra hekk –

“*F’azzjoni li ssir bis-sahha ta’ dan l-artikolu l-attur ikun jista’ jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta’ l-awtorità pubblika li tkun ghamlet <u>delitt jew kwazi delitt</u> li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta’ l-att amministrattiv l-awtorità pubblika <u>ma tkunx agixxiet in mala fede jew b’mod mhux ragonevoli</u> jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra.*

“Minn qari akkurat ta` din id-disposizzjoni, jirrizulta li sabiex persuna tista` tirreklama hlas ta` danni trid taghmel il-prova li r-responsabilita` tal-awtorita` pubblika giet minn <u>delitt jew kwazi-delitt</u>. Dik hija l-ewwel pregudizzjali. Il-Kap.16 jittratta d-delitti u l-kwazi delitti fl-Art.1029 et seq. Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax id-delitt. Jirrizulta pero` l-kwazi delitt fil-kuntest tal-Art.1031 sa 1033 tal-Kap.16.

“Issa fil-kaz ta` eghmil amministrattiv, mhix bizzejjed il-prova tal-kwazi delitt kif jirrizulta fil-ligi generali u cioe` fid-disposizzjonijiet tal-Kap.16. Fil-kaz tal-eghmil amministrattiv, accertat il-kwazi delitt, hemm pregudizzjali ohra u cioe` li sabiex ikun hemm lok ghal danni irid jirrizulta li fl-agir tal-awtorita` pubblika li jkun wassal ghat-thassir tal-att amministrattiv taghha kien hemm mala fede jew imgieba rragonevoli.

"Il-mala fede u l-irragonevolezza fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv evolvew fil-*Common Law* Ingliza bil-kuncetti ta' ***'bad faith'*** u '***unreasonableness***'. Hafna drabi dawn iz-zewg elementi jezistu flimkien u huwa difficli tifred wiehed mill-iehor ghaliex kemm '*bad faith*' kif ukoll '*unreasonableness*' jippresupponu element estranju introdott bhala l-bazi tad-decizjoni ta' l-entita' amministrattiva.

"Lord Greene MR fil-kawza **"Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation"** [1948] 1 KB 223 ittratta z-zewg elementi bhala interkambjabbli. Hemm kien ritenut li l-irragonevolezza trid tkun tali li '***no reasonable authority could ever have come to it***'.

"Fil-kawza "**Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service"** [**1985**] AC 374, Lord Diplock irritjena li decizjoni tkun "irragonevoli" meta tkun '***so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it***'.

"L-awturi **Wade & Forsythe** (op. cit.) isostnu li *bad faith therefore scarcely has an independent existence as a distinct ground of invalidity.*

"L-oneru tal-prova mhux wiehed facli peress illi meta l-attur ikun qed jinvoka Artikolu 469A(5) tal-Kap.16 irid juri li l-agir ta' l-amministrazzjoni kien imsejjes fuq ragunijiet kompletament esterni minn dawk illi kellhom jitqiesu sabiex iwasslu ghal decizjoni ekwa u gusta. Id-dottrina tal-*mala fede* timplika disonesta' u nuqqas ta' intenzjonijiet tajba fit-tehid tad-decizjoni. L-istess l-*irragonevolezza* tirrikjedi wkoll konsiderazzjonijiet estranei ghal dawk li l-amministrazzjoni suppost tikkonsidra f'kaz partikolari.

"Huwa fatt li l-gurisprudenza taghna taccetta grad inqas oghli mill-gurisprudenza Ingliza sabiex tasal ghall-prova tal-irragonevolezza. Irid jinghad ukoll li anke l-gurisprudenza Ingliza l-aktar ricenti mhijex daqstant rigida fl-accertament ta` '*unreasonableness*' fis-sens li saret taccetta bhala "*unreasonable*" anke '*an error or reasoning*' bhal fil-kaz meta tittiehed decizjoni zbaljata.

"Dwar l-element tan-"nuqqas ta` ragonevolezza", din il-Qorti diversament presjeduta (PA/NC) fis-sentenza taghha tat-22 ta' Dicembru 2003 fil-kawza "**Buttigieg vs Rettur tal-Universita ta' Malta et**" irriteniet li –

"*F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza "Neg. Ugo Pace vs Prof. Joseph Anastasi Pace noe" din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet riferenza ghall-kawza "Giorgio Demarco et noe vs James Turner noe et" fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-"reasonable exercise". It-tests ta' "unreasonableness" fl-esercizzju ta' poteri simili gew enunzjati fil-kawza "Kruse vs Johnson" tal-1898 b'dan il-mod- If they are manifestly unjust, if they disclosed bad faith, if they could find no justification in the minds of reasonable men.*

"L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk -

"*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably.*

"Tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess awtur, *virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*.

"Kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("**Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "**Dalli vs Sollars et**" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009)

"Applikat l-premess ghall-kaz tal-lum, dak li din il-Qorti trid tiddetermina huwa jekk l-agir ta' l-konvenut Direttur (Servizzi ta' Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) meta ddecieda li jibghat u fil-fatt baghat l-ittra ta' l-annullament tal-licenzja tal-attur kienx jammonta ghal *mala fede* jew irragonevolezza.

"Mill-assjem tal-provi, jirrizulta bic-car illi d-decizjoni sabiex tigi revokata l-licenza ttiehdet wara li l-konvenut induna bl-izball li kien ghamel. Huwa haseb allura illi peress illi l-hrug ta' din il-licenzja kienet tmur kontra l-ligi, l-unika triq li kellu kienet li jannulla dik il-licenzja.

"Issa meta wiehed iqis ir-Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc, kif ukoll l-Att Dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kap.441 tal-Ligijiet ta' Malta) isib illi s-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc li taghha l-konvenut Direttur (Servizzi ta' Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) huwa responsabbli m`ghandhiex is-setgha li tirrevoka jew tannulla licenza mahruga. It-thassir ta' licenzja jista' jsir biss fuq applikazzjoni tad-detentur tal-licenzja li jiddeciedi li, fost l-ohrajn, mhux ser ikompli jizvolgi l-attivita' kummercjali tieghu (ara Artikolu 16 ta' dawn ir-regolamenti). U allura din il-Qorti tqis li fil-kaz tal-lum id-decizjoni tal-konvenut Direttur li jirrevoka l-licenza de qua kienet att amministrattiv irragonevoli fil-kuntest tal-Art.469A(5) tal-Kap.12.

"Mela din il-Qorti tghid fir-rigward tar-raba` talba li l-konvenut Direttur konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta` danni lill-attur.

"In kwantu ghall-hames u s-sitt talbiet attrici, din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova ta` danni da parti tal-attur u ghaldaqstant se jkollha tichad il-hames u sitt talbiet attrici propju ghaliex l-attur naqas li jaghmel il-prova tad-danni.

"**Ikkunsidrat :**

"<u>**L-ewwel u s-seba` talbiet**</u>

“L-ewwel talba tghid hekk -

“*Tikkonferma d-decizjoni moghtija in segwitu ghat-talba ta` hrug ta` mandat ta` inibizzjoni bin-numru 978/07FS fl-ismijiet “Alan Debattista (KI.302282M) vs Stephen Antoine Buhagiar et” deciz nhar is-16 ta` Lulju 2007.*

“A fol 11 sa 17 hemm esebit id-digriet li ghalih irrefera l-attur fl-ewwel talba markat Dok.JMS5.

“L-attur ipprezenta r-rikors b`talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-istess hames konvenuti fil-kawza tal-lum.

“Bis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` Jannar 2008, il-konvenuti Buhagiar, Casa, Attard u Micallef gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhumiex il-legittimi kontraditturi tal-attur.

“Ghalhekk l-ewwel talba kif dedotta kontra dawn l-erba` konvenuti ma tistax tkun milqugha.

“Limitatament ghall-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) din il-Qorti tghid li mill-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru.978/2007 li din il-Qorti *ex officio* hadet konjizzjoni taghhom, jirrizulta li t-talba tal-attur odjern f`dik il-procedura kienet hekk –

“*sabiex il-Qorti izzomm l-intimat milli b`mod arbitrarjament u b`mezzi mhux kontemplati mil-ligi jkompli jimpedixxi lill-esponenti milli legittimament jarma fis-sit allokat lilu permezz tal-permess bin-numru 01/1904 ... u minfloku jippermetti li jarmaw ohrajn bi pregudizzju u dannu kontra d-drittijiet ta` l-esponenti u anke bi vjolazzjopni tad-drittijiet kostituzzjonali u dawk sanciti permezz tal-Konvenzjoni Ewropea.*

“Meqjus kif saret it-talba, din il-Qorti ma tistax tilqaghha anke fil-konfront tal-konvenut Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-

Komunikazzjoni) ghall-istess ragunijiet li sejrin jinghataw aktar `l isfel fir-rigward tas-seba` talba li tghid hekk -

“*Tordna lid-Direttur (Servizzi ta` Kummerc) jiehu dawk il-passi necessarji u opportuni, anke bl-operat ta` Perit nominand, sabiex terga` tigi nvellata l-parti tat-triq fejn huwa licenzjat jarma l-esponenti t-truck tieghu ndikat aktar il-fuq u dan taht id-direzzjoni ta` l-istess Perit nominand hekk nominat minn din l-Onorabbli Qorti.*

“Din is-seba` talba kif dedotta ma tistax tkun akkolta.

“Ir-ragunijiet **(li jghoddu kemm ghall-ewwel u kif ukoll ghas-seba` talba)** u li din il-Qorti taghmel taghha huma migbura **bl-aktar mod car, lineari u preciz** fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-11 ta' Mejju 2010 fil-kawza “**Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et**” li taqra hekk -

“***F’kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f’xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista’ tigi mgieghla taghmel dan, u jista’ jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti ; pero` finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza ‘Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et’ deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta’ Jannar 1996 intqal illi: “... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta’ judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m’ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b’dik taghhom.” Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti ‘Borda v. Ellul Micallef’ deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta’ kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b’poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b’diskrezzjoni tista` tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni***

> ***f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari.***

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur (Servizzi ta' Kummerc u Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Kommunikazzjoni) li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tat-30 ta' Jannar 2008 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili filwaqt illi tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' April 2011 billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici, filwaqt illi thassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April 2011, fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tichad it-talbiet tar-rikorrent appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."

Rat ir-risposta tar-rikorrent li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi:

> "… … … sew id-decizjoni tat-30 ta' Jannar 2008 kif ukoll dik tas-7 ta' April 2011 ghandhom jigu konfermati stante illi huma gusti u jimmeritaw konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti, qabel xejn, tixtieq tosserva li ghalkemm id-Direttur appellant talab ir-revoka tas-sentenza preliminari li nghatat fit-30 ta' Jannar, 2008, fil-verita` mhux qed jitlob it-thassir ta' dik is-sentenza in kwantu gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju l-konvenuti l-ohra. Hu car, minn qari tal-appell, illi l-ilment tad-Direttur appellant in kwantu s-sentenza preliminari, huwa marbut sa fejn b'dik is-sentenza giet michuda l-eccezzjoni preliminari tieghu dwar l-inapplikabbilita` tal-imsemmi Artikolu 469A ghall-kaz.

Din il-Qorti sejra, fl-ewwel lok, tqis l-aggravju tad-Direttur appellant fil-kuntest tal-applikabbilita` o meno tal-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap. 12. Ir-rikorrent talab li jinhariglu permess biex jagixxi ta' "fixed hawker" fil-Belt Valletta, u l-permess hareg f'Jannar tal-2007. Tlett xhur wara, f'Mejju tal-2007, is-sezzjoni licenzja tal-Kummerc irtirat l-istess permess minghajr ma kkonsultat ruhha mieghu. Kontra din id-decizjoni, ir-rikorrent ma ressaqx appell fit-termini tal-Artikolu 40 tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Avviz Legali numru 1 tal-2006) li gew pubblikati kif awtorizzat mill-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta). Minflok, fetah dawn il-proceduri fejn qed jitlob it-thassir tad-decizjoni ta' Mejju, 2007, peress illi ittiehdet bi ksur tal-principju ta' *audi alteram partem*.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni marbuta mal-Artikolu 469A(4) li tghid li proceduri a bazi ta’ dak l-artikolu m’ghandhomx isiru jekk rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari, jkun jista’ jinkiseb quddiem xi qorti jew tribunal imwaqqaf taht xi ligi ohra. L-ewwel Qorti qalet li r-rimedju pprovdut bl-imsemmi Artikolu 40 ma hu rimedju xejn, ghax quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Licenzjar ma kienx se jiehu rimedju peress li d-Direttur appellant kien gia` iddikjara li ma kienx possibbli li jinhareg il-permess.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ din id-decizjoni tal-ewwel Qorti.

L-ewwel nett, il-fatt li d-Direttur tal-Kummerc qal li ma kienx possibbli li johrog il-permess li ried ir-rikorrent, ma jfissirx li l-Bord tal-Appelli kien se jaqbel mieghu. Il-Bord tal-Appeli huwa bord awtonomu u indipendenti u ma jistax jigi eskluz a priori li l-Bord jimxi fuq interpretazzjoni differenti minn dik li d-Direttur kien qed jaghti lir-regolamenti. Il-Bord tal-Appelli bl-ebda mod ma hu marbut b’dak li jissottometti d-Direttur tal-Kummerc, u kellu s-setgha u l-fakolta` li jilqa’ l-ilment tar-rikorrenti.

Fit-tieni lok, l-ilment tar-rikorrenti ma hux marbut mal-interpretazzjoni tar-regolamenti relattivi, izda ma’ agir, li skont hu, ittiehed bi ksur ta’ wiehed mill-principji ta’ gustizzja naturali kif imsemmi qabel. Issa, kif inhu maghruf, il-

principju *audi alteram partem "is a duty lying upon everyone who decides anything"* (**Bord of Education v. Rice**, deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fl-1911), u l-ilment relattiv seta' tressaq bhala ilment quddiem il-Bord tal-Appelli. L-Artikolu 49 tal-istess Avviz Legali jaghti poteri wiesa lill-imsemmi Bord li jisma' u jiddeciedi fuq ilmenti minn min ihossu aggravat b'decizjoni tas-sezzjoni licenzji, u jista' "*ibiddel decizjoni*" jew "*jiehu l-azzjoni necessarja*" fil-konfront ta' ilment li jidhirlu li jkun gustifikat.

Il-Bord tal-Appelli, li quddiemu jitressaq ilment marbut ma' ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, irid <u>bil-fors</u> iqis dak l-aggravju. Wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem huwa dak li jkollu smiegh xieraq mill-awtorita` amministrattiva in kwistjoni, u dan isib ruhu f'forma ohra fil-prinicipju tal-gustizzja naturali hekk imsejjah *audi alteram partem* fis-sens li wiehed ma jistax jimmagina smiegh xieraq minghajr l-opportunita` li jsemma' lehnu f'dawk il-proceduri. Dan huwa kif gia` inghad wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali. "*The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all the bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual*". ("**L'Alliance de Professuers Catholiques de Montreal v. Labour Relations Board of Quebec – 1953**"

riportat fil-manwal "**The Application of the European Convention of Human Rights**" **– J E S Fawcett** pagna 148).

Din il-Qorti ghandha anke r-rizervi kemm il-legislatur jista' jwarrab dan il-principju, pero`, li hu zgur ghall-fini ta' din il-kawza, il-Bord tal-Appelli ghandu s-setgha, jekk jigi hekk adit, li jhassar decizjoni tas-sezzjoni licenzji li tkun ittiehdet minghajr ma jkunu osservati dawn il-principji ta' gustizzja naturali. Fil-fatt, kif intqal fil-kawza **Borg v. l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2012, ghat-thaddim ta' dawn il-principji ma hemmx bzonn xi disposizzjoni espresso tal-ligi, u t-tharis taghhom huwa garanzija ta' trasparenza u s-siwi tal-ghemil amministrattiv. Huwa biss f'kaz li l-Bord imwaqqaf mil-ligi jabdika d-doveri tieghu u jinjora ilment simili, li dak li jkun jista' jadixxi l-qrati ordinarji ghar-rimedju opportun.

Kwindi r-rikorrenti kellu jsegwi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 40 et seq tal-Avviz Legali indikat, u darba li dan ma ghamlux ma jistax jirnexxi fil-passi l-ohra li ghazel li jiehu (ara, fil-kuntest ta' Tribunal tal-Appelli iehor il-kawza **Pace v. Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta** deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru 2011).

Darba li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi a bazi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 469A(4), il-kawza taqa' mal-ewwel eccezzjoni, u kwindi ma hemmx lok li jigi deciz il-meritu tal-azzjoni attrici, pero`, d-decide l-ohra tal-ewwel Qorti qed jigu revokati biex ma jikkostitwux gudikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tad-Direttur (Servizzi ta' Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni) billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka z-zewg sentenzi li tat l-ewwel Qorti f'dan il-kaz (dik tat-30 ta' Jannar 2008, u tas-7 ta' April 2011), u minflok tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur appellant u tichad it-talbiet tar-rikorrent peress illi l-azzjoni hija improponibbli u mhux flokha, u dan bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrent Alan Debattista.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------